MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Numru 651/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Barry Christopher Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Barry Christopher Zammit ta’ 20 sena bin David u Helen nee’ Azzopardi mwieled Pieta fis-26 ta’ Frar, 1980 u joqghod 29, Flat 7, Entrance D Ta’ Zwejt San Gwann, detentur tal-Karta ta’ Identita numru 141780 (M).

Akkuzat:

Talli fil-25 t'Awissu 2000 f'xi hin filghaxija fin-Naxxar 1/0 tal-Ballal volontarjament hassar u gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin, ghad-detriment ta' Victor Chetcuti minn Naxxar.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-akkuza titratta hsara volontarja;

Illi l-prova huma skjetti li l-imputat fil-hin u gurnata ndikata fic-citazzjoni kien mar jiehu l-petrol mill-pompa in kwistjoni u kkagunalha hsara meta din il-pompa ma tatux petrol. Dan hu konklusivament pruvat kontra l-imputat.

Illi l-imputat issottometta in difeza li l-akkuza ma treggix kemm ghaliex l-persuna indikata fic-citazzjoni mhix dik li kontra taghha saret il-hsara u f'kull kaz hemm l-element tal-iskuzanti.

Illi dwar l-ewwel sottomissjoni ghandu jirrizulta li l-pompa hi propjeta' tas-socjeta` "Grantham Limited" li permezz ta' korrezzjoni mitluba fl-udjenza tad-9 t'April, 2001 giet mdahla fil-kawza.

Dwar it-tieni sottomissjoni hi l-fehma tal-Qorti li biex jikkonfigura r-reat hu sufficjenti li tigi pruvata intenzjoni generika u f'dan il-kaz la hi applikabbli l-iskusenti u lanqas il-provakazzjoni.

Illi jirrizulta ukoll in ness tal-hsara mal-valur eccedenti l-Lm 500.

Rat ghalhekk l-Artikolu 325 tal-Kap 9 u fic-cirkostanzi tikkundannah tlettax-il xahar prigunerija li qeghdha pero bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissosspendi ghall-erba’ snin mil-lum bil-kundizzjoni li l-imputat ma jikkomettix reat iehor punibbli bi prigunerija f’dan il-perjodu operattiv.

Il-Qorti ma jidhrilix li ghandha tapplika l-Artikolu 28H tac-citat Kap 9 kontra l-imputat billi l-parti leza ma jidhirx li sofriet danni pekurjari stante li gew lilha refuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------